MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 313/2014

**Netsanet Million Tesfa u Endale Kifle ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Eyouel Endale**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Netsanet Million Tesfa u Endale Kifle ghannom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Eyouel Endale datat 14 ta' April 2014 fejn espona:-

Illi skont l-anness certifikat tat-twelid bin-numru 3575/2011, mmarkat Dok A, twieled il-minuri Eyouel Endale nhar il-21 ta' Awwissu 2011, fl-isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, minn Endale Kifle (ID 41221A) u Netsanet Million Tesfa (ID 32214A), it-tnejn imwieldin l-Ethiopia u llum residenti Malta.

Illi skont l-anness certifikat tat-twelid bin-numru 75/2013, mmarkat Dok B, twieled ukoll il-minuri Christian Kifle nhar id-19 ta' Dicembru 2012, fl-isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, mill-istess genituri, u cioe` Endale Kifle (ID 412214) u Netsanet Million Tesfa (ID 32214A), it-tnejn imwieldin l-Ethiopia u llum residenti Malta.

Illi filwaqt li fl-att tat-twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 3575/2011 (Dok A), it-taghrif dwar it-tarbija imnizzel fl-ahhar kolonna u cjoe' l-isem u kunjom tat-tarbija huwa indikat bhala isem Eyouel bil-kunjom Endale, fl-att tat-twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 75/2013 (Dok B), it-taghrif dwar it-tarbija imnizzel fl-ahhar kolonna huwa indikat bhala isem Christian bil-kunjom Kifle.

Illi mill-istess certifikati tat-twelid huwa car illi 'Endale' huwa l-isem tal-missier taz-zewg trabi, filwaqt li 'Kifle' huwa l-kunjom tal-istess missier.

Illi konformament ma' dan, saret talba quddiem il-Qorti tar-revizjoni tal-atti nutarili (Rikors Numru 37/13 u 100/13) u din il-Qorti permezz tad-digriet taghha irrifjutat illi tawtorizza l-korrezzjoni, u dan ghaliex il-Qorti ma kenitx kompetenti *stante* li kien qieghed jintalab korrezzjoni tal-kunjom u mhux tal-isem. Dan kollu kif jidher mill-anness Digriet tal-11 ta' Settembru 2013 mill-Imhallef Emeritus Dr. Joseph Galea

Debono (Dok C).

Illi skont il-ligi Maltija, bis-sahha tal-artikolu 4 (3) tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-tarbija ghandha tiehu kunjom il-missier.

Illi huwa evidenti ghalhekk illi l-istatus tal-minuri Eyouel hekk indikat bil-kunjom Endale, kif riflessa fic-certifikat tat-twelid Dok A, mhuwiex korrett.

Illi *ai termini* tal-artikolu 253 (1) kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet jew thassir ta' registrazzjoni, jew ghar-registrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imhallef irtirat jew Magistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jircievi.

Illi ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna lill-konvenut jikkoregi l-Att tat-Twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 3575 (Dok A), fejn fit-taghrif dwar it-tarbija imnizzel fl-ahhar kolonna u cjoe' "l-isem u kunjom tat-tarbija" ssir korrezzjoni fis-sens li

kunjom it-tifel Eyouel jigi ndikat bhala 'Kifle' minflok 'Endale', kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Bl-ispejjez u bil-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 21 ta' Mejju 2014 (fol 16) fejn espona :-

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2 Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax mill-att tat-twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni 3575 tas-sena 2011 (anness u mmarkat bhala Dok A) li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni li jista' jkun attribwit lill-esponent. Difatti d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri saret mir-rikorrenti stess u cioe` minn Netsanet Million Tesfa u Endale Kifle, fejn iddikjaraw li d-dettalji mnizzla fuq l-istess att huma korretti, inkluzi l-ismijiet moghtija lir-rikorrent mill-genituri tieghu stess;

3 Illi b'zieda ma' dan wara li l-att tat-twelid ikun gie maghmul, dan jigi mghoddi lid-dikjaranti sabiex jaraw li l-informazzjoni hija tajba u sabiex

jiffirmaw l-istess. F'dan il-kaz l-att gie ffirmat miz-zewg rikorrenti bhala dikjaranti fuq l-att tat-twelid b'dan li allura kienu qed jaccettaw li l-informazzjoni kif miktuba fl-att kienet wahda korretta;

4 Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5 Illi l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta’ Gunju 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret Dr. Michela Spiteri ghall-attur prezenti, li ta ruhu notifikat bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza. Deher ukoll Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dr. Spiteri pprezentat nota bl-affidavits tal-attur bil-lingwa Ingliza, u Dr Cordina ma oggezzjonax ghall-istess, b’ kopja lid-difensur tal-kontro-parti *seduta stante*. Dr Spiteri iddikjarat li m’ ghandhiex aktar provi u ddikjarat wkoll li l-atturi huma lesti jissopportaw l-ispejjez tal-kawza odjerna. Dr. Cordina ddikjara li m’ ghandux oggezzjoni fuq il-mertu, u li ma ghandux provi. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-15 ta’ Lulju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament (fol.15 tal-process).

Illi din il-kawza titratta dwar talba maghmula mill-atturi sabiex issir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' binhom Eyouel billi l-kunjom indikat bhala kunjom it-tarbija 'Endale' jigi korrett billi jirrifletti kunjom missieru, ir-rikorrent  Endale Kifle, u jsir 'Kifle'.

Ikkonsidrat li l-minuri twieled f'Malta u *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili ta' Malta, it-tfal li jitwieldu fiz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, ma liema kunjom jista' jizdied kunjom l-omm.

Illi fil-kaz odjern, minnflok il-kunjom tal-missier, tnizzel il-prenom tal-missier li hu 'Endale'.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti twieldu t-tnejn l-Ethopia u r-rikorrenti spjegat fl-affidavit taghha li hija l-uzanza f'pajjizhom li juzaw il-prenom tal-missier bhala l-ahhar isem tat-tarbija u ma ghandhomx il-kuncett ta' *family name.* Hi xehdet ukoll li spjegat din l-uzanza lill-ufficjal tad-Dipartiment ai fini tar-registrazzjoni ta' l-isem u kunjom tal-inuri Eyouel,  li qablet li ghandhom jirregistraw lill-minuri bhala *Eyouel Endale.* Madanakollu

meta twieled it-tieni wild, l-ufficjal tar-Registru Pubbliku irrifjuta talba simili u hi giet infurmata li minhabba bidla fil-*policy* tad-Dipartiment, il-wild kellu jigi registrat skont il-Ligi Maltija bil-kunjom tal-missier. B'hekk ir-rikorrenti ghandhom zewgt itfal b'kunjom differenti, cioe`, Endale u Kifle rispettivament.

Ikkonsidrat li ghalkemm l-atturi ipprezentaw dokumenti dwar l-uzanza applikabbli fil-kultura taghhom relattivament ghall-ghotja ta' ismijiet u kunjomijiet, peress li t-tfal twieldu f'Malta, hija l-ligi Maltija li ghandha tapplika ghar-registrazzjoni taghhom fuq l-att tat-twelid. Il-Ligi taghna ma tippermettix tibdil fir-registrazzjoni tal-kunjom, jew fil-ligi applikabbli minhabba l-volonta' tal-partijiet jew b'effett ta' uzanza.

Illi jirrizulta inekwivokalment li sar zball fir-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri Endale li jenhtieg li jigi korrett sabiex l-att tat-twelid tieghu jkun konformi mal-Ligi.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li  t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu akkolti.

L-intimat eccepixxa li m'ghandu jbati l-ebda spejjez. Ir-rikorrenti allegaw li l-ufficjal inkarigat bir-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri kien accetta t-tnizzil tal-isem *Endale* bhala l-kunjom tat-tarbija u li sehh ghaliex kien hemm *policy* li kien jippermetti tali registrazzjoni.

Madanakollu r-rikorrenti ma gabu l-ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni taghhom u, *del resto,* din il-Qorti ssibha difficli li taccetta l-verosimiljanza li kienjezisti  *policy* interna tad-Dipartiment bi vjolazzjoni tal-Ligi.

Illi ghalhekk tqis li din l-allegazzjoni mhix ippruvata u ser takkolji l-eccezzjoni tal-intimat fis-sens li m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

## III. **<u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tordna lill-konvenut jikkorregi l-Att tat-Twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 3575 **(Dok A),** fejn fit-taghrif dwar it-tarbija imnizzel fl-ahhar kolonna u cjoe' "l-isem u kunjom tat-tarbija" ssir korrezzjoni fis-sens li kunjom it-tifel Eyouel jigi ndikat bhala 'Kifle' minflok 'Endale'.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------